# Vista Pastorali f'Għajnsielem

*Minn Lorenzo Zahra*





Kienet l-ewwel vista pastorali għall-parroċċa l-ġdida ta' Għajnsielem dik tas-sena 1858. Dan għaliex il-parroċċa nfirdet mill-matriċi tan-Nadur fis-sena 1855 meta kien hemm l-Isqof Publio Maria C. Sant. Issa kien il-viżitatur l-Isqof Mons. Gaetano Pace Forno, Agostinjan li żar ukoll diversi parroċċi oħra f'dik is-sena.

Fir-rapport ta' din il-vista jidher ċar li qabel, il-parroċċa kienet filjali tan-Nadur. Iż-żjara ta' dan l-Isqof saret nhar is-16 ta' Settembru 1858 u fiha jissemma l-Isqof preċedenti Mons. Publio M.C. Sant li fit 30 ta' Marzu 1855 waqqafha bħala parroċċa għaliha. Nhar l-14 ta' April kienet saret purċissjoni minn Dun Anton Cauchi bħala l-ewwel kappillan. Dan kien akkumpanjat mill-kleru u l-fratelli. Dakinhar stess, kien ingħatalu l-pussess u l-użu tal-Muzzetta.

F'din il-parroċċa l-ġdida, barra mill-ħidma kbira tal-kappillan li żmien qabel kien ukoll il-Viċi kappillan, jissemmew is- **Sud** Djaknu Dun Franġisk Cassar u l-kleriċi Salvatore Grima u Pietru Pawl Buttiġieġ. F'din iż-żjara pastorali l-Isqof żar l-artal maġġur, eżamina t-tabernaklu u ra ukoll li kien miżmum kif jixraq. Hemm, huwa għamel it-talb tiegħu u ta l-Barka sagramentali. L-Isqof żar ukoll il-fonti tal-Magħmudija u ż-żjut tas-sagramenti. Kien ferm sodisfatt li kollox kien miżmum tajjeb. Wara, għamel is-sagrament tal-Griżma lis-subien u l-bniet u żar ukoll il-konfessjonarji.

Il-Kan. Dun Filippu Amata, li akkumpanja lill-Isqof, eżamina r-reġistri tal-magħmudija bil-bidu li jġib id-data ewlenija tal-24 ta' Frar 1854 sas-sena 1858. Ra ukoll ir-reġstru taż-żwiġijiet li jibda mill-10 ta' Novembru 1855 sas-sena 1858. Ir-reġistru tal-Griżma jirreġistra mit-18 ta' Frar 1858. Filwaqt li dak tal-mejtin jibda fis-27 ta' Mejju 1855. F'dik is-sena, il-popolazzjoni tar-raħal kienet ta' 851 ruħ. Fl-aħħar, il-kappillan Dun Anton Cauchi kien delegat minn din il-vista sabiex iżur il-gżira ta' Kemmuna.

Ref: AAM-Ark MaterDei-Visti Pastorali Vol.52


